MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 624/2012

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**

**vs**

**Lilana Pace Balzan**
**I.D. 592478 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuta thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elf u erba' ewro u tmenin centezmu (€ 1,004.80), liema amont huwa in konnessjoni mas-servizz ta' komunikazzjoni numru A/C50944706, moghtija mis-socjeta' attrici u dan skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti mmarkati A B u C u kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Dok "D" – estratt mir-registru elettorali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqser li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u erba' ewro u tmenin centezmu (€ 1,004.80), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------